MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**MARIO SCERRI**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2010

Talba Numru. 36/2008

Korporazzjoni Enemalta

vs

Gatt Construction Ltd.

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba pprezentat fit-2 ta' Ottubru 2008, li jaqra hekk :-

'Is-socjeta' konvenuta thallas l-ammont ta' disa' mija u tmenin Euro u sitta u tletin centezmi (€980.36) danni kkawzati mill-istess socjeta' konvenuta fl-4 ta' Frar 2005, fi Triq Birbuba, Gharb, Ghawdex, waqt ix-xoghol ta' thaffir ta' trinka li kien qed jitwettaq mill-istess socjeta' konvenuta. Dawn id-danni gew ikkawzati billi ntlaqat cable tas-socjeta' attrici li nqata' kompletament ;

Is-socjeta' konvenuta debitament interpellata, baqghet inadempjenti ;

Bl-ispejjez tal-ittra ufficjali tal-20 ta' Dicembru 2006, ipprezentata fir-registru tal-Qorti tal-Magistrati (Malta).' ;

Is-socjeta' konvenuta permezz tar-risposta taghha pprezentata fit-23 ta' Frar 2009, eccepiet :-

'1. Illi t-talba attrici hija nfondata kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt, u ebda ammont ma huwa dovut mis-socjeta' konvenuta ;

2. Minghajr pregudizzju l-ammont li qieghed jigi pretiz ma huwiex korrett u huwa wiehed esagerat u ma jirriflettix l-hsara li saret, jekk dawn effettivament saru ;

3. It-talba attrici ghandha tigi michuda l-ghaliex is-socjeta' konvenuta ma kkawzat ebda hsarat ;

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici inkluzi dawk tal-ittra ufficjali responsiva li sret f'Jannar 2007.' ;

Sama' l-provi ;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha ;

Sama' s-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-partijiet li ttrattaw il-kawza oralment ;

Ra li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza ;

Ikkunsidra :

Din il-kawza tirrigwarda hsara li saret f'*cable* tal-*high tension* tal-Korporazzjoni Enemalta liema *cable* kien jinsab fi Triq Birbuba, Gharb. Qed jigi allegat li din il-hsara saret mis-socjeta' konvenuta Gatt Construction Ltd. Ghalhekk il-korporazzjoni attrici qed titlob is-somma ta' €980.36 minghandha ghall-ispejjez materjali, *labour cost,* u VAT skond dokumenti CA1, AM, u AM1 a fol. 12, 18, u 19 ;

Minn naha l-ohra s-socjeta' konvenuta qed tichad li hija responsabbli ghal din il-hsara allegata, u ghall-hlas tad-danni reklamati mill-korporazzjoni ;

Il-korporazzjoni attrici qed tikkontendi li hija ma gietx mitluba biex taghti l-permess biex ix-xoghol ikun jista jsir u lanqas ma ntalbet biex tassisti u timmarka l-post fejn kienu jinsabu l-*cables* qabel ma beda x-xoghol ta' tqattiegh tat-trinka fi Triq Birbuba, l-Gharb, ezattament fil-post fejn intlaqat il-*cable*. Hija qed tghid li l-hsara grat billi kienet tqattet trinka f'parti mit-triq principali fejn taghqad ma' triq gdida bla isem li ghandha dhul biss minn Triq Birbuba, l-Gharb, u waqt li kien qed isir dan ix-xoghol intlaqat u nqata' l-*cable* tal-*high tension* li kien ghaddej minn taht it-triq ;

Jirrizulta mill-provi li kienet is-socjeta' konvenuta li kienet qed taghmel xoghol fit-triq meta saret il-hsara fil-*cable* u ma kien hemm ebda haddiema jew kuntratturi ohra jahdmu hemmhekk. Jirrizulta inoltre mir-rapport tal-Pulizija a fol.34 et seq. li '*a certain Mario Gatt, ID: 46159G O/B/O Gatt Cons. Ltd. assumed the responsibility for the works that were carried out in digging the trench by J.C.B. registration number CBI129, that was standing by, next to the trench*.' Ix-xoghol li sar mis-socjeta' konvenuta kien jinvolvi skavar bil-gaffa li nizlet xi hames metri taht wicc it-triq. Mario Gatt jikkontendi li x-xoghlijiet ta' tqeghid ta' katusi tad-dranagg li kienu qed jsiru fit-triq gdida li taghqad ma' Triq Birbuba, l-Gharb, kienu qed isiru bil-permessi kollha necessarji. In sostenn ta' dan gew esibiti mis-socjeta' konvenuta l-permess mahrug mill-Awtorita' Dwar It-Trasport ta' Malta, Direttorat tat-Toroq bin-numru 1251/2004, sabiex isiru xogholijiet fi Triq Birbuba, l-Gharb, fil-perjodu bejn l-14 ta' Jannar 2005 sat-3 ta' Marzu 2005, kif ukoll ir-ricevuta tal-hlas tal-licenzja ghal xoghol fit-toroq li nharget mill-Kunsill Lokali tal-Gharb, liema hlas sar in segwitu ghall-hrug tal-permess tax-xogholijiet mill-Awtorita' Dwar It-Trasport ta' Malta. Giet esibita wkoll *case datasheet (permit report)* li s-socjeta' konvenuta gabet minghand l-Awtorita' Dwar It-Trasport ta' Malta bid-dettalji kollha tal-azzjonijiet li ttiehdu fir-rigward tal-permessi li kienu mehtiega ghax-xogholijiet li riedu jsiru

mis-socjeta' konvenuta kemm minn naha taghha stess kif ukoll minn naha tal-entitajiet kollha koncernati fosthom tal-Korporazzjoni attrici. Jirrizulta mid-dokument MG4 a fol. 49 *et seq.* li fil-11 ta' Awwissu 2004, il-Korporazzjoni attrici kienet giet infurmata mis-socjeta' konvenuta kemm bil-hrug tal-permess tax-xogholijiet, u dan kien fl-1 ta' Novembru 2004, kif ukoll bit-tigdid tal-permess fit-23 ta' Dicembru 2004, fis-7 ta' Frar 2005, u fil-15 ta' Marzu 2005. Minn naha tal-Korporazzjoni attrici jirrizulta minn dan l-istess dokument MG4 li kienet infurmat lis-socjeta' konvenuta fil-11 ta' Awwissu 2004, li hemm il-*cables on site*, u kienet ghamlet dawn il-kundizzjonijiet :-

- *Please contact Gozo District Office Angelo Buttigieg/ Brian Zammit on telephone 21 55 64 17 three (3) days before any trenching works is taken in hand.*
- *A copy of the approved trenching permit shall be given to respective District Office prior to any cable marking or location.*
- *Mechanical equipment is not to be used to within 0.5 from each end of Enemalta trench or indicated cable.*
- *Contractors are to sign site excavation form after our cable attendant marks cable on site* ;

Dan Mario Gatt isostni li qabel ma bdew ix-xogholijet ta' tqattiegh fi Triq Birbuba, l-Gharb, hu kien cempel fl-ufficcju tal-Korporazzjoni u kien kellem lil Angelo Buttigieg jew lil Brian Zammit u vzah biex jigi u jaghmel il-marki minn fejn huwa ghaddej il-cable taht l-art. Jikkonferma li sussegwentement kien ra xi marki b'kulur hamrani fil-wicc ta' Triq Birbuba, l-Gharb, li assuma li kienu marki li saru mill-haddiema tal-korporazzjoni attrici ghalkemm ma jikkonfermax minn min kienu saru u lanqas li dawn il-marki kienu saru fil-prezenza tieghu. Minn naha tieghu Mario Gatt li kien il-persuna responsabbli mill-operat tal-kumpannija ma ffirma ebda *site excavation form* kif hu mehtieg li jsir meta haddiema tal-Korporazzjoni jmorru jimmarkaw *on site* minn fejn ikun ghaddej il-cable qabel ma nbdew ix-xogholijiet ta' tqattiegh f'din it-triq. Lanqas Benigno Gatt u Mark Tabone ma raw lil ebda haddiem tal-Korporazzjoni attrici jaghmel dawn il-marki, u xehedu biss

li kienu raw xi marki fil-wicc tat-triq b'kulur hamrani bl-ittra 'E' imdawra b'cirku ;

Dan in-nuqqas da parti tas-socjeta' konvenuta li tiffirma u tissottometti s-*site excavation form* lill-Korporazzjoni attrici, li certament kienet tkun prova impreskrittibbli ghad-difiza taghha li saru l-marki u li dawn saru mill-persuni responsabbli, ma jistax jiskolpa lis-socjeta' konvenuta mir-responsabbilita' taghha ghall-akkadut. Dejjem kien prudenti li s-socjeta' konvenuta titlob il-permess u taccerta ruhha x'kien ghaddej taht it-triq wisq aktar meta din kienet kundizzjoni li saret bil-miktub u li riedet tigi osservata qabel il-bidu ta' kull xoghol ta' tqattiegh tat-triq ;

Indipendentement minn kwalsiasi' talba ghall-permess, is-socjeta' konvenuta kienet dejjem obbligata li tara li ma taghmilx hsara fix-xoghol li tkun qed taghmel ;

Skond l-Art. 1031 tal-Kap. 16 'kull wiehed iwiegeb ghall-hsara illi tigri bi htija tieghu'. Din il-hsara li tigri tobbliga lill-awtur tal-istess hsara ghar-rizarciment tad-danni subiti mit-terzi. Ukoll 'jitqies fi htija kull min fl-ghemil tieghu ma juzax il-prudenza, id-diligenza, u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja' (Art. 1032(1), Kodici Civili). Biex jissussisti dan l-att kolpuz minhabba imprudenza jew nuqqas ta' diligenza jrid ikun hemm il-prevedibilita` tal-event dannuz, 'prevedibilita` li trid tkun ta' probabilitajiet ragjonevoli u mhux ta' possibilitajiet remotissimi u inverosimili.' (**Kollez Vol XLVIII.i.258**). Hu spjegat mill-awturi illi *"negligenza, infatti, altro non e` se non assenza di diligenza, imprudenza e` intesa come assenza di cautele; imperizia, come assenza di competenza professionale o come assenza di avvertenza"*: ara **Alpa** *"La Responsabilita` Civile"*, *Trattato di Diritto Civile, Milano* 1999 p.261 u **Franzoni** *"Le Obbligazioni da Fatto Illecito"*, Ed. Utet, 2004, p.42. Markatament, sew jekk si tratta minn rapport kontrattwali (ara Artikolu 1132 Kodici Civili) kif ukoll dak extrakontrattwali (Artikolu 1032(1)) id-dover tad-diligenza huwa marbut mal-kriterju tal-missier tajjeb tal-familja u dan jissinjifika illi hi imputabbli wkoll l-imgieba ommissiva f'min jonqos li jadotta mizuri ta' kawtela u ta' prudenz ghal fini li jkun evitat event dannuz lill-hwejjeg haddiehor. Kif

jinsab ritenut, '*quando invece si ha la violazione di un dovere, ed una volontaria omissione di diligenza per cui non si prevedono le conseguenze della propria azione od omissione e si viola il diritto altrui, senza volerlo ed anche senza avverdersene, allora si ha non il caso fortuito, ma la colpa ed il quasi delitto.* [Appell Civili, **Pubblio Azzopardi vs Antonio Arcicovich et**, deciza fl-14 ta' Novembru 1919). "Hu rikjest fl-istess hin, pero`, li sabiex ikun hemm lok ghad-danni, irid jkun hemm in-ness ta' kawzalita` bejn il-fatt kolpuz u l-konsegwenza dannuza. (**Kollez. Vol XLIV.i.343**). Hu accettat, li qabel ma jindahal ghal bicca xoghol, kuntrattur ghandu jkollu l-kapacita` teknika mehtiega (**Kollez. Vol XLII.i.517**) ;

Ghalhekk hu dmir tat-Tribunal li mill-indagini u ezami tal-provi prodotti jindividwalizza din ir-responsabilita'. Fil-kaz in ezami s-socjeta' konvenuta kellha obbligu li qabel tibda x-xoghol moghti tizgura li ma kienux ghaddejin servizzi (kif dejjem ikun hemm fit-triqat – tal-ilma, *cables*, elettriku, etc.) fis-sit in kwistjoni. Hi kellha tagixxi bi prudenza, diligenza u attenzjoni ta' missier tajjeb ta' familja u titlob l-informazzjoni u l-assistenza necessarja biex tkun tista' tahdem bla perikolu ghall-haddiema taghha u bla ma tikkawza hsara lill-hwejjeg tat-terzi. Hi setghet tipprevedi li jekk tiftah it-triq hi tista jikkawza hsara lis-servizzi li jkun ghaddejin minn hemm, ikunu fejn ikunu. Dan ma kienx xi kaz fortwitu jew rizultat ta' forza magguri, lanqas ma kienet xi possibilita` remota jew inverosimili li ssib servizzi taht il-wicc tat-triq specjalment fejn it-tqattiegh sar f'parti mit-triq principali ;

Dan it-Trtibunal hu tal-fehma li kienu n-nuqqasijiet tas-socjeta' konvenuta li wasslu ghal din il-hsara. Il-fatt li Mario Gatt ma kienx instab hati fil-proceduri kriminali li kienu gew istitwiti fil-konfront tieghu mill-Pulizija dwar l-istess incident, u kien gie llberat, ma jfissirx ukoll ghalhekk li s-socjeta' konvenuta m'ghandhiex twiegeb civilment ghad-danni. Il-konvenut naqas milli javza lill-haddiema tal-korporazzjoni bil-mod kif kellu jaghmel, li kien sejjer jibda x-xoghol qrib it-triq principali u li ried iqatta' parti mit-triq principali biex jikkomunika l-katusi tad-dranagg mal-main principali li ghaddej minn taht it-triq ta' Birbuba, biex dawn

jigu u jimmarkaw minn fejn kien ghaddej il-*cable* tal-*high tension* biex jassigura ruhhu li jista’ jahdem minghajr ma johloq perikolu u danni, u dan meta hu kien jaf li mhux biss kien se jaghmel xoghol fit-triq il-gdida li minnha ma kienu ghaddejjin ebda servizzi, izda wkoll kien jaf li jehtieg li jsir skavar f’parti mit-Triq Birbuba. Il-fatt li Mario Gatt vaza lil Angelo Buttigieg jew lil Brian Zammit, haddiema tal-Korporazzjoni, b’semplici telefonata ma kienx bizzejjed meta jirrizulta li hu naqas li jsegwi l-kundizzjonijiet li kienu gew impost fuqu minn naha tal-Korporazzjoni attrici. Apparti dan jibqa’ li s-socjeta’ konvenuta dejjem kienet obbligata li fix-xoghol li taghmel ma tikkawzax hsara ;

Mario Gatt *ex admissis* naqas li jiffirma u jissottometti s-*site excavation form* wara li skond hu, kien vaza lill-haddiema responsabbli tal-Korporazzjoni biex imorru u jimmarkaw fejn kien ghaddej il-*cable*, liema dokument kien ikun il-prova li tikkonferma l-attendibilita’ tal-verzjoni tieghu tal-fatti. Dan it-Tribunal mhuwiex daqstant konvint mill-verzjoni tal-fatti moghtija minn Mario Gatt li huwa vaza’ lill-Korporazzjoni attrici b’semplici telefonata li kien ser jibqa’ jqatta’ l-art meta kien jaf bil-kundizzjoni mposta mill-Korporqzzjoni attrici dwar x’kien mehtieg li jsir qabel ma jinbeda dan ix-xoghol fit-triq principali. Barra minn hekk din ma kenitx l-ewwel bicca xoghol li ghamlet is-socjeta’ konvenuta u kienet taf, jew imessha kienet taf bil-process li ried jigi segwit qabel ma titqatta’ t-triq. Kif kienet qalet il Prim’Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Ventura noe vs Vassallo noe**, deciza fis-27 ta’ Gunju 2003, jekk ma jinghatax avviz u ssir hsara, il-kuntrattur ghandu jitqies responsabbli ghall-hsara. Il-kuntrattur hu responsabbli li jottjeni l-permessi kollha u jiehu dawk il-mizuri kollha biex jassigura ruhu illi ma ssir ebda hsara lill-ebda struttura meta jkun qieghed jahdem fuq xi art ;

Il-fatt li skond il-ligi l-Kunsill Lokali seta’ jaghti permess biex isir ix-xoghol in kwistjoni, ma jezonerax lill-kuntrattur milli jaghti dawk l-avvizi u jitlob dawk il-permessi marbuta max-xoghol. Il-fatt biss li l-konvenut naqas mill-obbligazzjoni tieghu li javza formalment lill-awtorita` kompetenti hija indikazzjoni ta’ traskuragni u negligenza fl-operat tieghu. Hu prevedibbli li f’zona vicin l-abitat ikun

hemm *cables* tal-elettriku taht lart, daqs kemm hu prevedibbli li uzu ta’ gaffa jista’ jaghmel hsara lill-istess art u l-*cables* ta’ taht. Kien ghalhekk jinkombi fuq il-konvenut li juza d-diligenza ta’ *bonu paterfamilias* u jikkawtela kontra xi akkadut bhal dak li sehh f’dan il-kaz. Kien dmir tal-kuntrattur jivverifika mal-awtorita` kompetenti jekk kienx ghaddej xi haga taht il-wicc, u l-posizzjoni preciza ta’ dik il-“haga” ;

Biex jikkonkludi, dan it-Tribunal jaghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), moghtija fis-7 ta’ Mejju 2004 fil-kawza : **Maltacom plc vs Carme Vella Ltd.**, fejn inghad illi : “l-obbligu tal-applikazzjoni u tal-otteniment ta permess mhux wiehed kapriccjuz jew sempliciment burokratiku imma hu ta’ essenza ghall-ezekuzzjoni tax-xoghlijiet partikolari. Dan kemm biex tig evitata hsara lill-proprjeta` ta’ terzi kif ukoll ghall-inkolumita` tal-persuni li jkunu qed jaghmlu xoghol riskjuz u ta’ perikolu ghalihom u ghall utenti tat-triq. Is-socjeta` konvenuta kellha ghalhekk b’dover taccerta ruhha fejn kienu l-*cables* tal-korporazzjoni attrici qabel ma tibda x-xoghlijiet. Jekk xejn biex tigi assigurata bl-appozitu immarkar fit-triq minn fejn kienu ghaddejin il-*cables* midfunin taht l-art. Immarkar dan essenzjali u li ried isir mill-impjegati tal-korporazzjoni u li fil-kaz ta’ Triq Birbuba ma setax isir tempestivament ghaliex is-socjeta` konvenuta naqset milli tapplika dwarha.” Aktar minn hekk, fl-istess sentenza dik il-Qorti osservat ukoll illi: “anke indipendentement pero` minn kwalsiasi’ permess, il-fatt li l-kuntrattur ikun munit b’tali permess lanqas ma jista’ jezentah mill-htija jekk dan il-fatt jokkorri u l-hsara tavvera ruhha.” ;

Il-Korporazzjoni attrici pprezentat prospett dettaljat dwar kif gie stabbilit l-ammont ghal hsarat. Xehed Amadeo Muscat li spjega x’kien mehtieg biex issewwiet il-hsara kagjonata u kemm kienu l-ispejjez tat-tiswija, liema spejjez ma tressqet ebda prova minn naha tas-socjeta’ konvenuta in sostenn tal-kontestazzjoni taghha li dan il-hlas mitlub ma huwiex korrett u/jew li huwa esagerat ;

Ghaldaqstant ghall-motivi premessi dan it-Tribunal qed jaqta’ u jiddeciedi l-kawza billi previa rigett tal-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta, jilqa’ t-talba tal-korporazzjoni attrici u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallasha s-somma ta’ disa’ mija u tmenin Euro u sitta u tletin centezmi (€980.36), bl-imghax legali mid-data tan-notifika tal-avviz tat-talba sad-data tal-pagament effettiv ;

Spejjez a karigu tas-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------